

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.8325 — KKR/Hilding Anders)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**  
**(2016/C 467/16)**

1. Fit-8 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża KKR & Co. L.P. ("KKR", l-Istati Uniti tal-Amerika) tikkawwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien il-kontroll ta' Hilding Anders Holdings 3 AB kollha kemm hi ("Hilding Anders", l-l-żvezja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal KKR: ġestjoni ta' assi fuq bażi dinjija u għoti ta' servizzi ta' konsulenza finanzjarja,
- għal Hilding Anders: żvilupp, manifattura u kummerċjalizzazzjoni ta' sodod, saqqijiet u prodotti relatati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup>, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8325 — KKR/Hilding Anders, fl-indirizz li ġej:

European Commission  
 Directorate-General for Competition  
 Merger Registry  
 1049 Bruxelles/Brussel  
 BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdien”).

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.